**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 1195/21 (NC) GG**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**vs.**

**Digisec Media Limited**

Illum 10 ta' Mejju, 2023

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi ipprezentat quddiem din il-Qorti fl-20 ta' Lulju, 2023 bis-segwenti premessi u talba:

> Illi d-Direttiva tal-Kunsill Nru. 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-Assistenza Reciproka ghall-Irkupru ta' talbiet relatati ma' Taxxi, Dazji u Mizuri Ohra hija implimentata u suggetta ghall-ligi ta' Malta permezz ta' l-Ordni tal-2012 dwar l-Assistenza Reciproka ghall-Irkupru ta' Talbiet li ghandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Mizuri Ohra (Avviz Legali Nru. 153 tas-sena 2012);

Illi bis-sahha ta' din l-Ordni u ta' din id-Direttiva, l-Kummissarju tat-Taxxi f'isem il-Ministeru tal-Finanzi (Dok A anness), bhala l-Awtorita' kompetenti f'Malta, hu moghti l-poter sabiex meta jkun hemm talba valida minn Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea hu jkun jista' jigbor it-taxxa dovuta lil dak l-Istat Membru meta tali persuna li ghandha dak id-dejn tkun tinsab f'Malta;

Illi skond l-istess Ordni u Direttiva tali talba minn Stat Membru tigi ttrattata bhallikieku din kienet talba dwar dejn civili dovut lil Gvern ta' Malta u li l-awtorita' kompetenti f'Malta tkun awtorizzata kif imiss li tigbor;

Illi s-socjeta' intimata giet indikata mill-awtorita' kompetenti Slovakka, membru ta' l-Unjoni Ewropea, bhala persuna li ghandha kont ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-ammont ta' tlett elef mija u disgha  Ewro u sitta u erbghin centezmi (€3,109.46),  u dan kif jirrizulta mill-istrument anness ma' dan ir-rikors bhala Dok. B flimkien ma' l-imghaxijiet skond il-ligijiet ta' Malta, dovuti mill-intimat mid-data tan-notifika ta' dan ir-rikors sad-data tal-pagament effettiv;

Illi l-esponent hu sodisfatt illi fir-rigward ta' din it-talba gew imharsa l-htigijiet kollha relevanti tad-Direttiva hawn fuq imsemmija;

Illi gie indikat illi l-intimat jinstab u ghandu indirizz f'Malta u ghalhekk ir-rikorrent ghandu d-dritt li jigbor minghandu l-

ammont totali hawn fuq imsemmi f'isem l-awtorita' kompetenti tal-pajjiz membru ta' l-Unjoni Ewropea hawn fuq imsemmi;

Illi skond l-Ordni u d-Direttiva hawn fuq imsemmija din il-Qorti hija moghtija l-poter u l-obbligu li tirregistra d-dokumenti annessi ma' dan ir-rikors u dawk id-dokumenti ghandhom, malli jsir dan, jikkossitiwixxu titolu ezekuttiv, kif ukoll li tinnotifika lill-intimat b'dan ir-rikors u bid-dokumenti mieghu annessi.

Ghaldaqstant, l-esponent skond il-poteri lilu moghtija ai termini tad-Direttiva hawn fuq imsemmija, jitlob bir-rispett lil din il-Qorti joghgobha, fl-ewwel lok tordna r-registrazzjoni tad-dokument anness ma' dan ir-rikors bhala kopja ufficjali taghha biex b'hekk l-istess dokument jikkossitwixxi titolu ezekuttiv u fit-tieni lok tordna li kopja ta' dan ir-rikors u tad-dokument mieghu anness jigu notifikati lis-socjeta' intimata skond id-disposizzjonijiet relevanti tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bhallikieku dan ir-rikors u dan id-dokumenti kienu att gudizzjarju.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Dicembru, 2021 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2022 u ordnat n-notifika tar-Rikors lill-konvenut b'ghoxrin (20) jum sabiex iressaq ir-risposta tieghu;

Rat illi wara diversi tentattivi ghan-notifika, s-socjeta intimata kienet notifikata b'success permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni bl-ahhar avviz jidher f'gurnal lokali bid-data tas-26 ta' Jannar, 2023;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat illi kwantu ghal-notifika tal-intimat, jirrizulta illi wara li kienu saru d-debiti tentattivi skond il-ligi u wara li hekk awtorizzat minn din il-Qorti, thalliet kopja tar-rikors u tal-avviz ta' smiegh fl-indirizz tas-socjeta' intimata, fil-Kunsill Lokali ta' San Gwann u fl-Ghassa tal-Pulizija kif jirrizulta mill-fol. 44 *a tergo*, kif ukoll permezz ta' pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern datata 22 ta' Novembru, 2022 (fol 35 tal-atti processwali), fil-gurnal lokali bl-ilsien Ingliz The Malta Indipendent datat 6 ta' Jannar,2023 (fol 46) u gurnal lokali bl-ilsien Malti L-Orizzont datat 26 ta' Jannar, 2023 (fol 50);

Rat illi minkejja d-debita notifika, l-intimat ma ressaq l-ebda risposta u lanqas deher biex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

Rat illi l-provi juru li fit-termini tad-Direttiva indikata, l-awtorita' kompetenti tal-Istat Membru Svediz, ghamlet talba ghall-assistenza lir-rikorrenti f'isem il-Ministeru tal-Finanzi bhala l-Awtorita' kompetenti f'Malta, sabiex jirkupra taxxa li hi dovuta lill-istess applikant mis-socjeta' intimata;

Illi wara li ezaminat l-atti processwali kollha, l-Qorti hija sodisfatta li kienu segwiti r-rekwiziti tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE u tal-Avviz Legali 153 tal-2012 u ghalhekk it-talba hija gustifikata. Konsegwentement filwaqt li tordna li ssir r-registrazzjoni tad-dokument anness mar-rikors promutur u mmarkat Dok B, bhala kopja ufficcjali tieghu, sabiex tali

dokument jikkostitwixi titolu ezekuttiv, ghas-somma ta' tlett elef mija u disgha  Ewro u sitta u erbghin centezmi (€3,109.46);

Bl-ispejjez ta' din il-procedura  kontra s-socjeta' intimata.

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**
**Imħallef**

**Nicole Cini**
**Ghad-Deputat Reġistratur**